Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2679

29.11.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2679

**tas-27 ta' Novembru 2023**

**li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni (1),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Estonjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 (2), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fl-14 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/689 (3), li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Mart VÕRKLAEV sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Piret RAMMUL, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Estonjan ippropona lis-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentanta ta' korp reġjonali jew lokali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Harku vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Harku), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(6) Il-Gvern Estonjan ippropona lis-Sur Mikk JÄRV, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Kanepi vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Kanepi), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sa Katrin KRAUSE, *Harku vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Harku),

u

(1) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).
(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/689 tal-14 ta' Marzu 2022 li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 128, 2.5.2022, p. 1).

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Mikk JÄRV, *Kanepi vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Kanepi),

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
X. MÉNDEZ BÉRTOLO